2 ta' April, 1955

**Imħallef:**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Salvatore Seychell

**Ħalib — Kampjun — Perizja — Prova — Art. 174(2) tal-Kap. 54**

*F'każ ta' akkuża dwar bejgħ u żamm għall-bejgħ ta' ħalib imħaffef bl-ilma, in-nomina ta' perizja hija fakoltattiva. Il-Qorti tista' ma tordnax ebda perizja, jekk tħossha soddisfatta bix-xhieda ġuramentata tal-analitiku tad-Dipartiment tas-Saħħa Publika; b'mod li l-eżibizzjoni ta' kampjun tal-ħalib f'każi simili mhix meħtieġa "sine qua non". Basta jirriżulta illi l-kampjun analizzat kien verament dak meħud mill-ħalib fornit mill-imputat.*

*Lanqas ma hemm ebda oġġezzjoni "in subjecta materia" li l-analitiku jkun impjegat mal-Gvern; għax anzi l-istess liġi timponi li l-espert, anki jekk ikun nominat mill-Qorti, għandu jkun wieħed mill-analitiċi tal-Gvern.*

Il-Qorti; Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli fil-5 ta' Diċembru, 1954, iż-Żejtun, fil-Milk Marketing Depot, żamm għall-bejgħ u biegħ ħalib imħaffef bl-ilma;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-2 ta' Frar, 1955, li biha sabitu ħati u kkundannatu £30 multa;

Rat ir-rikors li bih l-imputat talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

**Trattat l-appell;**

**Ikkunsidrat;**

L-aggravji dedotti mill-appellant huma erbgħa:—

1. Li l-Pulizija naqset li teżibixxi fil-Qorti kampjun

tal-ħalib kundannat, u għalhekk ma setgħetx issir perizja teknika ordnata mill-Qorti;

2. Illi l-kundanna ġiet bażata fuq ix-xhieda ta' impjegat tad-Dipartiment, li tammonta għal perizja "ex parte", mentri l-perizja għandha tkun ordnata mill-Qorti;

3. Il-Pulizija naqset li tipprova li l-ħalib inkriminat kien minn dak fornit mill-appellant;

4. L-imputazzjoni kienet li l-imputat "żamm għall-bejgħ u biegħ ħalib imħaffef bl-ilma", li għandha s-sens li dan il-ħalib jinbiegħ lill-publiku, mentri si tratta ta' ħalib fornit lill-Milk Marketing Department;

Kwantu għall-ewwel u t-tieni aggravji;

Il-perizja, skond il-liġi in materja (Kap. 54 Ediz. Riv.) hi fakoltattiva. Il-Qorti tista' ma tordna ebda perizja, jekk tħossha soddisfatta bix-xhieda ġuramentata ta' l-Analitiku tad-Dipartiment (art. 174(2)). Għalhekk l-eżibizzjoni tal-kampjun ma hijiex, f'każijiet simili, "sine qua non"; basta li jirriżulta, kif fil-każ preżenti jirriżulta, li l-kampjun analizzat kien verament dak meħud mill-ħalib fornit mill-appellant. Trattandosi ta' sustanza faċilment u rapidament deperibbli, ma hix possibbli l-konservazzjoni tal-kampjun. Ma hemm ebda oġġezzjoni, "in subjecta materia", li l-analitiku jkun impjegat tal-Gvern; għax, anzi, l-istess liġi timponi li l-espert, anki meta jkun nominat mill-Qorti, għandu jkun wieħed mill-analitiċi tal-Gvern (ibidem);

Kwantu għat-tielet aggravju;

*Omissis;*

Kwantu għar-raba' aggravju;

Hu elementari li l-forrnituri lill-Milk Marketing Department huma fil-fatt bejgħ tal-ħalib lil dan id-Dipartiment, intiż għar-rivendita lill-publiku;

Kwantu għal dak li ġie sollevat dwar il-piena fir-rikors ta' l-appellant tas-17 ta' Marzu, 1955;

*Omissis;*

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-ħlas ta' l-ewwel rata tal-multa, kif ordnat mill-Ewwel Qorti, isir żmien xahar mil-lum.